**15 ta' Frar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Cumbo

**Appell — Atti Ġudizzjarji — Korrezzjoni — Żball — Rikors tal-Appell — Art. 175 tal-Proċedura Ċivili — Art. 591 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Żball f'rikors ta' appell kriminali huwa rettifikabbli, meta jidher ċar mill-korp tar-rikors tal-appell li si tratta ta' sempliċi "lapsus calami", ta' sempliċi skambju ta' kelma ma' oħra, u mhux ta' nuqqas sostanzjali.*

*Dan ma jfisserx illi ma jibqgħax dejjem sommament deżiderabbli li r-redazzjoni tal-iskritturi ġudizzjarji għandha ssir, mhux konfużament u żbadatament, imma b'dik id-diliġenza u akkuratezza li tixraq lis-serjetà u delikatezza tal-proċeduri ġudizzjarji.*

*Fil-każ preżenti, l-imputat ġie misjub ħati tal-ewwel imputazzjoni u kundannat, u mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u liberat minnha; fir-rikors tal-appell tal-imputat, fil-parti konklużjonali tiegħu, dan talab li s-sentenza tiġi konfermata inkwantu sabitu mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni (mentri fil-verità sab'tu ħati ta' dik l-imputazzjoni), u li jiġi misjub mhux ħati tat-tieni reat u liberat (dak li ma kienx hemm bżonn jiġi mitlub, għax fil-fatt minn d'n it-tieni imputazzjoni l-appellant kien diġà ġie assolt); u b'applikazzjoni tal-prinċipju hawn fuq enunċjat il-Qorti tal-Appell ordnat li ssir il-korrezzjoni li kienet opportuna fir-rikors tal-appell tal-imputat, u ordnat li l-kawża titkompla.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Joseph Cumbo quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli fl-24 ta' Ottubru 1957, f'xi l-11.45 p.m., saq taxi car numru 12125 minn Ħal Far Road, Ħal Far, limiti ta' Birżebbuġa (1) mingħajr dawl, (2) u mhux fuq in-naħa tax-

xellug nett tat-trieq; barra minn dan, (3) minħabba f'nuqqas ta' għaqal, u ta' ħila, traskuraġni, u għax ma osservax ir-regolamenti, ħabat ma' car nru. 9809 u għamlilha ħsara għad-dannu ta' *L.F.X. 837464 P.O. Martin Galligher*, u għamel ħsara fit-taxi car li kien qiegħed isuq għad-dannu ta' Carmelo Cassar;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Diċembru 1957, li biha sabet lil Joseph Cumbo ħati skond l-ewwel imputazzjoni u mhux ħati fuq it-tieni, u ddikjarat il-proċediment eżawrit fuq l-imputazzjoni l-oħra stante rinunzja; u kkundannatu għal 10s. ammenda fuq l-ewwel u lliberatu *mit-tieni imputazzjoni*;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li tiġi riformata, billi tiġi konfermata fejn sabet l-imputat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni (sic), u billi ssib l-imputat mhux ħati tat-tieni reat, u tilliberah minn kull piena u ħtija;

**Trattat l-appell;**

**Ikkunsidrat;**

Il-Prosekuzzjoni rrilevat, "in limine litis", li fir-rikors giet skambjata l-ewwel mat-tieni imputazzjoni, in kwantu għall-kundanna u liberazzjoni rispettiva, u in kwantu għar-*riforma* li ntalbet;

Ikkunsidrat, fuq dan l-inċident preġudizzjali;

Kontra l-imputat ġiet elevata imputazzjoni triplici:— 1. *Li* saq mingħajr dwal; 2. li saq mhux fuq *in-naħa* tax-xellug nett tat-trieq; 3. danni involontarji kaġunati b'sewqan negliġenti jew imprudenti, jew anti-regolamentari;

Bis-sentenza tagħha fuq imsemmija l-Ewwel Qorti (1) fuq l-ewwel imputazzjoni sabet l-imputat ħati, (2) mhux ħati fuq it-tieni, (3) u ddikjarat il-proċediment eżawrit kwantu għat-tielet imputazzjoni stante rinunzja tal-parti leża;

Fil-parti konklużjonali tar-rikors ir-riforma tas-sentenza appellata ntalbet fis-sens li tiġi konfermata in kwantu sabet *l-imputat* mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni (mentri fil-verità sabitu ħati ta' dik l-imputazzjoni), u li *l-imputat* jiġi misjub mhux ħati tat-tieni reat u liberat (dak li ma kienx hemm bżonn jiġi mitlub, għax fil-fatt minn din it-tieni imputazzjoni hu kien diġà ġie assolt);

Hu ċar li si tratta ta' sempliċi "lapsus calami". Infatti, fil-motivi tal-appell jingħad li kien hemm xhud li ra l-karrozza *misjuqa mill-esponent* riesqa lejh "bid-dawl mixgħul". Minn hekk jidher ċar li l-korp tar-rikors jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, li dwarha l-Ewwel Qorti sabitu ħati. Dan hu għalhekk żball rettifikabbli, għaliex si tratta mhux ta' xi nuqqas sostanzjali, imma ta' sempliċi skambju ta' kelma. Ġie ritenut minn din il-Qorti kolleġjalment komposta ("Reġ. vs. Micallef", 17.12.59), illi l-art. 175 tal-Codice di Rito hu applikabbli "in criminalibus"; salva l-limitazzjoni tal-art. 591 tal-Kodiċi Kriminali. Dan, *s'intendi, ma jfisserx li ma jibqgħax dejjem sommament deżiderabbli* li r-redazzjoni tal-iskritturi ġudizzjarji għandha ssir, mhux f'mod konfużjonarju u żbadatament, imma b'dik id-diliġenza u akkuratezza li tixraq għas-serjetà u delikatezza tal-proċeduri ġudizzjarji;

Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddirimi l-inċident billi tordna li fit-tieni u fl-aħħar paragrafi tar-rikors tal-appell il-kelma "l-ewwel" tiġi sostitwita *bil-kelma* "tieni", u l-kelma "tieni" tiġi rimpjazzata bil-kelma "l-ewwel". U tordna li l-kawża titkompla.